**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 458/2011**

**Illum: 6 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Matthew Grech**
**ID 128987(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Matthew Grech ta' 24 sena, bin Clifford u Belinda Ann nee` Cutts, imwieled il-Pieta` nhar it-3 ta' Marzu 1987, residenti Windy Ridge, Triq John Adye, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` numru 128987(M);

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-17 ta' Gunju 2011, kif ukoll f'dawn l-ahhar sitt xhur ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Importa jew offra li jimporta medicina psikotropika u specifikata (*ketamine*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-

Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Importa jew offra li jimporta medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

3. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (*ketamine*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

4. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi mill-investigazzjonijiet f'dan il-kaz, irrizulta illi l-importazzjoni mertu tal-ewwel zewg imputazzjonijiet kienet intiza ghall-uzu personali tal-imputat;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-17 ta' Gunju 2011, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat odjern u mill-kamra tas-sodda tieghu elevaw fost ohrajn diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga.[1] Dawn l-oggetti jidhru fotografati fir-relazzjoni redatta minn PS 1392 Kevin Buhagiar u kkonfermatha minnu f'dawn il-proceduri.[2] L-imputat gie arrestat u rrilaxxja stqarrija dakinhar stess tas-17 ta' Gunju 2011.[3]

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[4], jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu:

Kaxxa tal-plastik safra li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 17/6/11, Hin 9.00 am, Elevat/i minn kamra tas-sodda tieghu, fil-presenza ta' Matthew Grech, minn PS 891, WPC 23". F'din il-kaxxa kien hemm:

- i) Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm kwantita` ta' boroz zghar tal-plastik trasparenti;
- ii) Karta ta' lewn blu ta' "Registered Mail" u bicca karta minn kont;
- iii) Zewg kuccarini tal-metall (a u b);
- iv) Hames boroz tal-plastik (a sa e) trasparenti bi tnejn minn dawn bi tracci ta' trab abjad;
- v) Kontenitur tal-plastik (a);
- vi) Borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 17/6/11, Hin 9.00 am, Elevat/i minn kamra tas-sodda tieghu, fil-presenza ta' Matthew Grech, minn PS 891, WPC 23" f'liema borza kien hemm:
  - a) Mizien elettroniku li kien jahdem;
  - b) Kontenitur tal-plastik (b) li fih kien hemm kuccarina tal-metall (c);
  - c) Tliet bicciet ta' plastik hodor u bicca plastik sewda;
  - d) Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm bicca karta ta' lewn abjad u *visiting card* ta' 'Naxos Car Centre';

---

[1] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino (a fol. 60 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' WPC 23 Geraldine Buttigieg (a fol. 69 *et seq* tal-process).
[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 21 tal-process u tifforma parti mill-process verbal esebit a fol. 12 tal-process.
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 63 *et seq* tal-process.
[4] Esebita a fol. 31 tal-process u tifforma parti mill-process verbal esebit a fol. 12 tal-process.

e) Bicca plastik trasparenti; u
f) Hames boroz (01 sa 05) tal-plastik trasparenti b'erba' boroz minn dawn bi tracci ta' sustanza bajda.

Dwar dawn l-oggetti, l-espert ikkonkluda illi:

a) Ma nstabux sustanzi illegali fuq kuccarina, immarkata bl-ittra (a), tliet boroz tal-plastik trasparenti, immarkati bl-ittri (a) sa (c) u borza tal-plastik trasparenti mmarkata bin-numru 01;

b) Instabu tracci ta' Kafejina, li hija stimulant u s-sustanza *1-Pentyl-3-(1-naphthoyl)indole (JWH-018)*, li hija *synthetic cannabinoid* u *analgesic* li tahdem fuq ir-*receptors* tal-*cannabinoid*, fuq zewg kuccarini tal-metall immarkati bl-ittri (b) u (c), fiz-zewg kontenituri tal-plastik immarkati bl-ittri (a) u (b) u f'bicca plastik sewda. Dawn is-sustanzi mhumiex ikkontrollati bil-ligi;

c) Instabu <u>tracci tas-sustanza *Ketamine*</u> f'zewg boroz tal-plastik trasparenti, immarkati bl-ittri (d) u (e), fuq il-mizien elettroniku u fi tliet boroz tal-plastik trasparenti, immarkati bin-numri 02, 03 u 05. Is-sustanza *Ketamine* li farmalogikament hija klassifikata bhala anistetiku, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti B tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta; (sottolinear tal-Qorti)

d) Instabu <u>tracci tas-sustanza *Mephedrone*</u> f'borza tal-plastik trasparenti immarkata bin-numru 03. Is-sustanza *Mephedrone*, li hija stimulant sintetiku, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta (sottolinear tal-Qorti).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva illi fit-tielet pagna tar-relazzjoni (a fol. 34) taht it-titolu 'Rizultanzi', jidher illi effettivament kienu l-boroz bin-numri 02, 04 u 05 li kellhom tracci tas-sustanza *Ketamine* u mhux il-borza mmarkata bin-numru 03 li, kemm skond l-istess rizultanzi, kif ukoll skond il-paragrafu (d) tal-konkluzjonijiet tal-espert, kien fiha tracci tas-sustanza *Mephedrone*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, l-imputat jinsab akkuzat bl-importazzjoni tas-sustanza psikotropika u specifikata (*ketamine*) u l-pussess semplici taghha, kif ukoll bl-

importazzjoni tas-sustanza psikotropika u ristretta (*mephedrone*) u l-pussess semplici tal-istess sustanza.
Id-difiza ssollevat diversi argumenti fit-trattazzjoni finali taghha, fosthom illi r-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22/1985 jitkellem biss dwar il-pussess u mhux l-importazzjoni ta' medicina specifikata, ghall-kuntrarju tar-Regolament 3(1) tal-istess Avviz Legali li jitkellem mhux biss dwar il-pussess, izda *inter alia* anke dwar l-importazzjoni ta' medicina ristretta. Skond id-difiza ghalhekk, l-importazzjoni ta' medicina specifikata ma tikkostitwixxix reat u l-imputat ma setax jigi akkuzat bl- importazzjoni ta' tali medicina.

Ukoll skond id-difiza, l-imputat lanqas ma seta' jigi akkuzat bil-pussess ta' dawn is-sustanzi, ghaliex fil-pussess tieghu nstabu biss tracci, li skond ix-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud, lanqas setghu jigu kkwantifikati. La darba ma nstabitx kwantita` ta' sustanza ghajr ghal tracci, skond id-difiza, lanqas ma seta l-imputat jigi akkuzat bil-pussess ta' dik is-sustanza. In oltre, tghid id-difiza, l-ammont tant kien *de minimis*, li ma jinkwadrax fil-parametri ta' dak li trid il-ligi jew dak li ried jillegisla dwaru l-legislatur.

Issa ghalkemm huwa minnu li r-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22/1985 jitkellem biss dwar il-pussess ta' medicina specifikata u ghalhekk mhux dwar il-projbizzjoni tal-importazzjoni tal-istess medicina, biss l-importazzjoni ta' medicina specifikata hija regolata bir-Regolament 4(2)(i) tal-istess Avviz Legali li jghid illi "*Ebda persuna ma tista' timporta, tahzen jew tbiegh xi medicina bl-ingrossa kemm il-darba ma jkollhiex licenzja specifika ghalhekk minghand is-Supretendent*" tas-Sahha Pubblika. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li tissottometti d-difiza, ma jistax jinghad illi l-importazzjoni ta' medicina specifikata m'hijiex regolata mil-ligi.

Naturalment, bhal fil-kaz ta' kull delitt, il-Prosekuzzjoni trid tipprova mhux biss l-elementi materjali ta' dak id-delitt, izda wkoll l-element tax-xjenza fl-imputat jew l-element intenzjonali tar-reat ossia f'dan il-kaz, mhux biss illi l-imputat importa jew kellu fil-pussess tieghu sustanza illegali, izda li l-importazzjoni jew il-pussess ta' dik is-sustanza llegali kienet jew kien minnu volut. Din ix-xjenza li trid il-ligi giet spjegata b'mod car fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-8 ta' Mejju 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Anthony Axiaq**, liema sentenza hija wkoll relevanti ghal fini tas-sottomissjoni tad-difiza illi f'dan il-kaz instabu biss tracci tas-sustanzi in kwistjoni u ghaldaqstant il-Qorti ser ticcitaha fit-tul. F'din is-sentenza inghad hekk:

"… *Fil-każ tad-delitt li bih ġie imputat l-appellant, u ċioè l-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dik ir-raża, l-intenzjoni rikjesta mil-liġi hi dik ġenerika konsistenti fl-elementi ta' intendiment u volontá manifestati* <u>*fil-konsapevolezza u r-rieda tal-elementi materjali tar-reat*</u>. [sottolinear ta' din il-Qorti].

*9. Mill-provi rriżulta inekwivokabilment li fiż-żewġ ħakkieka li nstabu fil-pussess tal-appellant, kif ukoll fil-loqma li nstabet għandu, nstabu traċċi tas-sustanza THC li tinstab fil-pjanta cannabis u fir-raża tagħha. Għall-finijiet ta' ħtija tad-delitt imputat lill-appellant ma hux biżżejjed li l-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant kien konsapevoli u ried il-pussess* <u>*tal-oġġetti*</u> *li nstabu għandu iżda l-prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova wkoll li l-appellant kien konsapevoli u ried il-pussess* <u>*tar-raża tal-cannabis*</u> *li traċċi tagħha nstabu fuq dawk l-oġġetti.*

*10. Sabiex tagħmel din il-prova l-prosekuzzjoni trid tal-anqas tipprova ċirkostanzi tali li minnhom il-Qorti tkun tista' raġionevolment tinferixxi dik il-konsapevolezza u volonta' da parti tal-aġent tal-pussess tas-sustanza kontra l-liġi. Il-kwantitá tad-droga misjuba għalhekk issir relevanti għal dan il-fini, speċjalment meta tkun l-unika prova tal-pussess materjali tal-istess droga, għaliex il-Qorti tkun trid tagħmel l-apprezzament tagħha sabiex tiddeċiedi jekk il-kwantitá tad-droga misjuba, flimkien maċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li jirriżultaw, kienux tali li minnhom il-Qorti tista' tinferixxi li l-imputat kien konsapevoli u ried il-pussess tas-sustanza in kwistjoni.*

*11. Fil-każ odjern iż-żewġ ħakkieka nstabu fir-residenza tal-imputat fil-kamra tas-sodda tiegħu waqt li l-loqma nstabet ġewwa safe żgħir tal-plastik. Fuq dawn l-oġġetti l-espert analista sab li kien hemm traċċi tal-ingredjent tal-pjanta cannabis. Huwa xehed li t-traċċi li huwa sab kienu tant żgħar li anqas setgħu jintiżnu u ma kienux kwantifikabbli tant li kkwalifikhom bħala insinjifikanti. Huwa kkonferma wkoll li ma setax jgħid kemm it-traċċi li nstabu kienu antiki u kemm kienu ilhom fil-post fejn instabu. In kwantu għal-loqma li nstabet huwa spjega li din setgħet kienet il-"cool end" tal-joint li jista' ma jkollhiex cannabis magħha u persuna tista' tispiċċa taħraqha għal xejn għaliex tkun qiegħda taħraq biss biċċa kartuna. L-imputat, meta interrogat mill-pulizija, stqarr li l-oġġetti u materjal li nstabu għandu kienu ġejjin minn ħames snin qabel meta kien ipejjep il-cannabis "tal-blokka" u żied jgħid li kien dam xi sentejn jew sentejn u nofs ipejjipha. Kemm kien ilu l-appellant fl-armata sa Diċembru 2010 sarulu żewġ (2) testijiet mhux avżati minn qabel (random tests), wieħed minnhom meta ġie ammess bħala suldat filforza regolari fil-11 ta' Mejju 2009, għall-preżenza ta' droga. Matul 2011 sarulu żewġ*

*(3) testijiet oħra simili; ċioè b'kollox sarulu 5 testijiet bħal dawn. Dawn it-testijiet kollha rriżultaw negattivi.*

*12. Il-Qorti ħadet in kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha fosthom l-ammont ferm żgħir li anqas biss seta' jintiżen tat-traċċi deskritti bħala "insinjifikanti" mill-espert analista li identifikom biss bl-użu ta' mezzi analitiċi kimiċi, il-fatt li l-loqma li nstabet kienet tikkonsisti biss fil-kartuna li sservi bħala filter u li l-uniku mod biex wieħed seta jistabilixxi kienx hemm traċċi ta' cannabis fih kien billi jsiru t-testijiet kimiċi msemmija u dan peress li skont l-istess espert analista din il-loqma setgħet kienet il-cool end li setgħet ma kellhiex droga fiha, il-fatt li l-espert analista ma setax jeskludi li t-traċċi li nstabu kien għadda xi żmien fuqhom, il-fatt li l-imputat appellant meta ġie interrogat dakinhar stess tas-sejba stqarr, mingħajr ma ġie kontradett b'xi prova, li l-oġġetti in kwistjoni kienu jirrisalu għal 5 snin qabel meta kien ipejjep il-ħaxixa li iżda kien waqaf milli jagħmel dan xi tlett snin qabel l-interrogatorju, u tasal għall-konklużjoni li ma gewx pruvati ċirkostanzi tali li minnhom tista' raġonevolment u serenament tinferixxi li l-imputat mingħajr dubbju dettat mir-raġuni kien konsapevoli li fiż-żmien relevanti indikat fl-imputazzjoni, u ċioè "nhar it-23 ta' Diċembru 2010, u fil-ġranet ta' qabel", huwa kien konsapevoli li l-oġġetti in kwistjoni kien fihom ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet biha bħala bażi. Bħala konsegwenza il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova skont il-liġi wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat li tiegħu nstab ħati l-imputat appellant."*

Huwa car ghalhekk illi d-difiza m'hijiex korretta meta tghid illi wiehed ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' sustanza illegali meta fil-pussess tieghu jinstabu biss tracci ta' dik is-sustanza, izda l-kwantita` tad-droga misjuba tassumi relevanza ghal fini ta' prova dwar il-konsapevolezza u r-rieda tal-pussess ta' dik is-sustanza, liema prova naturalment trid titqies ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi l-ohrajn li jirrizultaw.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, m'hemmx dubbju illi fil-pussess tieghu nstabu tracci tas-sustanza *ketamine* u dan f'zewg boroz tal-plastik trasparenti (immarkati bl-ittri (d) u (e)), fuq il-mizien elettroniku u fi tliet boroz tal-plastik trasparenti (immarkati bin-numri 02, 04 u 05), kif ukoll tracci tas-sustanza *mephedrone* u dan f'borza wahda mmarkata bin-numru 03. Jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat[5] illi huwa jsostni li dejjem xtara minn fuq l-*internet* sustanzi li m'humiex illegali gewwa Malta u li dejjem ivverifika li huma legal fil-pajjiz qabel ma xtrahom. Jghid illi sakemm il-*mephedrone* kienet legali, huwa kien jabbuza minnha, li kien jiehu wkoll forom ohra ta' amfetamina legali u li

[5] A fol. 63 *et seq* tal-process.

ricentement kien qed jiehu biss *legal highs*. Dwar l-amfetamina legali jghid li kien jixtri wahda bhala *MDAI,* li darba xtara wkoll il-*methoxetamine* jew *telethamine* u dwar il-*legal highs* jghid illi din hija forma ta' haxixa sprejjata b'xi haga. Jghid illi t-tracci ta' trab abjad li nstabu fil-boroz huma l-amfetamina legali li semma' qabel u li l-mizien juzah biex jizen il-*legal highs*. Isostni illi joqghod attent qabel jixtri xi sustanza li jivverifika jekk jistax idahhalha gewwa Malta u li meta sar jaf li l-*Mephedrone* ma kinitx baqghet legali, qatt ma rega' ordna minnha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi s-sustanza *mephedrone* giet skedata fil-ligi taghna fl-10 ta' Settembru 2010 permezz tal-Avvizi Legali 423 u 424 tas-sena 2010 u ghalhekk disa' xhur qabel id-data tal-imputazzjonijiet odjerni. Dan jikkorrobora dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu, li huwa kkorroborat ukoll mill-fatt illi fil-pussess tieghu, kienet wahda biss mid-diversi boroz li nstabu bi tracci, li kienet tikkontjeni tracci tal-*mephedrone.* Fil-fehma tal-Qorti dan ikompli jissostanzja dak li jghid l-imputat fis-sens illi hekk kif huwa sar jaf li s-sustanza *mephedrone* saret illegali gewwa Malta, huwa ma baqax jordna minnha. Li kieku dan ma kienx minnu, wiehed kien jistenna li jinstabu izjed tracci ta' *mephedrone* fi bnadi ohra u mhux biss f'borza wahda mid-diversi li nstabu. Il-Qorti tqis ukoll illi dak li jghid l-imputat fis-sens illi huwa kien jara li jimporta biss sustanzi li huma legali gewwa Malta huwa sostanzjat ukoll mill-fatt illi fl-istqarrija tieghu, huwa jsemmi s-sustanzi *MDAI* u *methoxetamine* bhala sustanzi li kien jakkwista minn fuq sit elettroniku. Fil-fatt kemm is-sustanza *methoxetamine,* kif ukoll is-sustanza *MDAI* li hija abbrevjazzjoni ghas-sustanza *5,6-methylenedioxy-2-aminoindane* m'humiex ikkontrollati taht il-ligi Maltija. In oltre il-*legal high* li jindika l-imputat fl-istqarrija tieghu bhala forma ta' haxixa u li taghha nstabu tracci fil-pussess tieghu (fix-xhieda tieghu fil-fatt PS 891 jghid illi nstabet xi *cannabis grass* u dan x'aktarx minhabba l-forma taghha) giet indikata mill-Ispizjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu bhala s-sustanza *1-Pentyl-3-(1-naphthoyl)indole (JWH-018),* li hija *synthetic cannabinoid* u *analgesic* li tahdem fuq ir-*receptors* tal-*cannabinoid* u li mhijiex ikkontrollata mil-ligi. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti jidhrilha illi jirrizulta sodisfacentement ippruvat, tal-inqas sal-grad tal-probabbli, illi l-imputat verament kien joqghod attent li jakkwista biss sustanzi li ma kinux illegali gewwa Malta u bhala konsegwenza temmen illi l-imputat kien veritier meta jghid illi huwa kien jakkwista u juza l-*mephedrone* biss sa dak iz-zmien li kienet ghadha legali f'pajjizna.

Ghalhekk fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ossia dik dwar il-pussess tas-sustanza *mephedrone,* il-Qorti trid tqis jekk fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jirrizultax ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kellu x-xjenza tal-pussess ta' dik is-sustanza. Apparti dak li nghad izjed 'il fuq, jirrizulta illi l-borza bit-tracci

tas-sustanza *mephedrone* instabet flimkien ma' numru ta' boroz ohrajn u parafernalja ohra li l-imputat kien juza sabiex jiehu s-sustanzi li huwa kien jakkwista minn fuq sit elettroniku u li dawn kienu lkoll flimkien gewwa kaxxa safra li kienet fil-kamra tieghu. Kif inghad fis-sentenza fuq citata, ghal fini ta' htija tad-delitt ta' pussess tas-sustanza in kwistjoni, mhux bizzejjed li jigi ppruvat illi l-imputat kien konsapevoli u ried il-pussess tal-oggetti li nstabu ghandu, izda jehtieg li jigi ppruvat ukoll, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat kien konsapevoli u ried il-pussess tas-sustanza *mephedrone* li tracci taghha nstabu fil-borza msemmija u dan b'referenza ghaz-zmien indikat fic-citazzjoni odjerna. Tenut kont tal-fatt illi l-imputat jghid illi kien jaghmel uzu minn din is-sustanza fiz-zmien li din kienet ghadha legali f'pajjizna, tenut kont ukoll tal-fatt illi nstabu biss tracci ta' din is-sustanza u li f'dan ir-rigward, l-Ispizjar Mario Mifsud fix-xhieda tieghu jispjega li l-ammont ma setax jigi kwantifikat bhala piz, tant kemm dan kien wiehed zghir[6] u tenut kont illi dawn it-tracci nstabu biss f'borza wahda kif inghad izjed 'il fuq fost diversi boroz ohra u parafernelja li kellu l-imputat fil-pussess tieghu, li fil-frattemp kien beda jaghmel uzu minn sustanzi ohrajn li ma kinux *mephedrone*, il-Qorti tqis illi ma gewx ipprovati cirkostanzi tali li a bazi taghhom tista' tikkonkludi fil-grad rikjest mil-ligi, illi fiz-zmien indikat fic-citazzjoni odjerna, huwa kien konsapevoli u ried il-pussess tal-*mephedrone* li tracci taghha nstabu fil-borza in kwistjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi r-raba' imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata.

It-tieni imputazzjoni dwar l-importazzjoni tas-sustanza *mephedrone*, imbaghad, bhal imputazzjonijiet l-ohrajn kollha tirreferi ghas-17 ta' Gunju 2011 u l-ahhar sitt xhur ta' qabel din id-data u ghalhekk tmur lura sas-17 ta' Dicembru 2010. Ghalkemm jirrizulta ampjament mill-istqarrija tal-imputat li huwa kien jimporta l-*mephedrone* u anke li kien konsapevoli li kien qed jaghmel dan, biss huwa jghid illi dan kien jaghmlu qabel din is-sustanza giet skedata u ghalhekk qabel l-10 ta' Settembru 2010. La mill-istqarrija u lanqas mill-bqija tal-atti ma jirrizulta illi l-imputat importa din is-sustanza fiz-zmien indikat fic-citazzjoni odjerni. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvatha.

Jibqa' ghalhekk illi l-Qorti tiddeciedi dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet ossia l-importazzjoni u l-pussess tas-sustanza psikotropika u specifikata (*ketamine*). Issa f'dan ir-rigward, kif diga` inghad izjed 'il fuq, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi huwa dejjem ra li jimporta forom legali ta' amfetamina jew *legal highs* u meta jitkellem dwar l-uzu tal-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu, huwa jispjega li l-mizien juzah sabiex jizen il-*legal highs*, l-boroz juzahom ukoll ghall-istess

[6] A fol. 74 tal-process.

affarijiet u li t-tracci bi trab abjad fil-boroz kienu tracci ta' amfetamina legali. Fil-pussess tieghu nstabu diversi oggetti bi tracci tal-*ketamine*, kif inghad izjed 'il fuq, inkluz il-mizien elettroniku, li jindika illi l-uzu da parti tal-imputat tal-*ketamine* kien izjed ricenti minn dak tal-*mephedrone.* Biss fid-dawl ta' dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu, kif rapportat izjed il'fuq u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti dwar dak li jghid l-imputat fir-rigward tas-sustanzi li huwa kien jakkwista minn fuq is-sit elettroniku u l-insistenza tieghu li huwa dejjem fittex li jivverifika li dak li kien qieghed idahhal gewwa Malta ma kienx illegali, tenut kont ukoll illi jidher li verament huwa kellu konoxxenza ta' sustanzi li m'humiex ikkontrollati bil-ligi Maltija u effettivament anke instab fil-pussess ta' sustanza minn dawn (ossia is-sustanza *JWH-018*), il-Qorti ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi l-imputat kien konsapevoli li dak li kien qieghed jimporta u sussegwentement kellu fil-pussess tieghu ma kinitx xi sustanza legali, izda specifikatament is-sustanza *ketamine.* Hawnhekk mhux il-kaz per ezempju illi l-imputat kien taht l-impressjoni li kien qieghed jimporta u jaghmel uzu minn sustanza illecita ohra (li ma kinitx is-sustanza *ketamine*), izda mbaghad irrizulta illi din kienet is-sustanza skedata *ketamine*, ghaliex f'dak il-kaz jiskattaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 121A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dan ma kien iservi tal-ebda difiza ghall-imputat. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi lanqas l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet ma gew ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mad-droga esebiti in atti u dan hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat